

Brussell, 22 ta' Settembru 2026
(OR. en)

12936/26

Fajl Interistituzzjonali:
2026/0249(NLE)

TRANS 540

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea dwar l-emendi għall-Annessi tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) u għar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
dwar l-emendi għall-Annessi tal-Ftehim
dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR)
u għar-Regolamenti annessi mal-Ftehim Ewropew
dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi
fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91, flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR) daħal fis-seħħ fid-29 ta' Jannar 1968. Il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN) daħal fis-seħħ fit-28 ta' Frar 2008.
- (2) Skont l-Artikolu 14 tal-ADR, kull Parti Kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew aktar għall-Annessi tal-ADR. Il-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport tal-Oġġetti Perikolużi (WP.15) huwa l-korp kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe emenda bħal din. Skont l-Artikolu 20 tal-ADN, kwalunkwe Parti Kontraenti tista' tipproponi emenda waħda jew aktar għar-Regolamenti annessi mal-ADN. Il-Kumitat Amministrattiv stabbilit skont l-ADN (il-“Kumitat Amministrattiv tal-ADN”) huwa l-korp kompetenti biex jiddeċiedi dwar l-adozzjoni ta' kwalunkwe emenda bħal din.
- (3) Tul il-perjodu ta' sentejn bejn l-2024 u l-2026, id-WP.15 u l-Kumitat Amministrattiv tal-ADN adottaw emendi għall-Annessi għall-ADR u għar-Regolamenti annessi mal-ADN, rispettivament, li ġew notifikati lill-Partijiet Kontraenti tal-ADR fl-1 ta' Lulju 2026 u lill-Partijiet Kontraenti tal-ADN fl-1 ta' Lulju 2026 u fl-1 ta' Settembru 2026.

- (4) Skont l-Artikolu 14 tal-ADR, l-emendi proposti għall-Annessi tiegħu jitqiesu aċċettati sakemm mill-inqas terz tal-Partijiet Kontraenti, jew ħamsa minnhom jekk terz jaqbeż dik iċ-ċifra, ma joġġezzjonawx għal dawk l-emendi fi żmien tliet xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (is-“Segretarju Ġenerali”) ikun iċċirkolahom. Skont l-Artikolu 20 tal-ADN, kwalunkwe abbozz ta’ emendi għar-Regolamenti annessi mal-ADN jitqies li ġie aċċettat sakemm mill-inqas terz tal-Partijiet Kontraenti, jew ħamsa minnhom jekk terz jaqbeż dik iċ-ċifra, ma joġġezzjonawx għal dawk l-emendi fi żmien tliet xhur mid-data li fiha s-Segretarju Ġenerali jkun iċċirkolahom.
- (5) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f’isem l-Unjoni fir-rigward ta’ dawk l-emendi għall-ADR u għall-ADN, peress li dawk ser ikunu vinkolanti skont id-dritt internazzjonali u kapaċi jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tal-liġi tal-Unjoni, jiġifieri d-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹. Dik id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti għat-trasport tal-oġġetti perikolużi bit-triq, bil-ferrovija jew fuq il-passaġġi tal-ilma interni, li għandhom japplikaw fl-Istati Membri jew bejniethom, billi tirreferi għall-ADR u għall-ADN. Barra minn hekk, dik id-Direttiva tipprevedi li t-trasport tal-oġġetti perikolużi bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi għandu jiġi awtorizzat diment li dan ikun konformi mar-rekwiżiti tal-ADR, ir-Regolamenti dwar it-Trasport Internazzjonali ta’ Oġġetti Perikolużi bil-Ferrovija (RID) u l-ADN. Barra minn hekk, f’konformità mal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/68/KE, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadatta l-Anness I, it-Taqsima I.1, u l-Anness III, it-Taqsima III.1, tad-Direttiva 2008/68/KE għall-progress xjentifiku u tekniku, b’mod partikolari biex jitqiesu l-emendi għall-ADR, għall-RID u għall-ADN.

¹ Id-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta’ oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2008/68/oj>).

- (6) L-Unjoni mhijiex Parti Kontraenti għall-ADR jew għall-ADN. Madankollu, dan il-fatt ma jwaqqafhiex milli teżerċita l-kompetenza tagħha billi tistabbilixxi, permezz tal-istituzzjonijiet tagħha, pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isimha fil-korp stabbilit b'wieħed minn dawk il-Ftehimiet, b'mod partikolari permezz tal-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għal xi wieħed minn dawk iż-żewġ Ftehimiet li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.
- (7) L-Istati Membri kollha huma Partijiet Kontraenti għall-ADR u japplikawh, u 13-il Stat Membru huma Partijiet Kontraenti għall-ADN u japplikawh.
- (8) L-emendi għandhom l-għan li jiżguraw it-trasport sikur u effiċjenti tal-oġġetti perikolużi, filwaqt li jitqies il-progress xjentifiku u tekniku fis-settur, u l-iżvilupp ta' sustanzi u oġġetti ġodda li jistgħu joħolqu periklu waqt it-trasport tagħhom. L-iżvilupp tat-trasport tal-oġġetti perikolużi bit-triq u fuq il-passaġġi tal-ilma interni, fl-Unjoni u anki bejn l-Unjoni u l-pajjiżi ġirien tagħha, huwa komponent ewlieni tal-politika komuni tat-trasport u jiżgura l-funzjonament tajjeb tal-fergħat industrijali kollha li jipproduċu jew jużaw oġġetti klassifikati bħala perikolużi skont l-ADR jew l-ADN.
- (9) L-emendi huma kkunsidrati xierqa biex jiġi żgurat it-trasport sikur tal-oġġetti perikolużi b'mod kosteffettiv, huma ġustifikati u ta' benefiċċju u għalhekk jenħtieġ li jiġu appoġġati mill-Unjoni.

- (10) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-ADR u tal-emendi għar-Regolamenti annessi mal-ADR għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tagħha li huma Partijiet Kontraenti għall-ADR u għall-ADN, rispettivament, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha tkun li taqbel mal-emendi għall-Annessi A u B tal-Ftehim dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi bit-Triq (ADR), kif imsemmi fin-Notifika tan-NU C.N.252.2026.TREATIES-XI.B.14, fil-Grupp ta' Ħidma tan-NUKEE dwar it-Trasport ta' Oġġetti Perikolużi (WP.15), u mal-emendi għar-Regolamenti Annessi mal-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni (ADN), kif imsemmi fin-Notifiki tan-NU C.N.254.2026.TREATIES-XI.D.6 u C.N.337.2026 TREATIES-XI.D.6, fil-Kumitat Amministrattiv tal-ADN.

Artikolu 2

Il-pożizzjoni stipulata fl-Artikolu 1 għandha tiġi espressa mill-Istati Membri li huma Partijiet Kontraenti għall-ADR u għall-ADN, rispettivament, fir-rigward tal-emendi għall-Annessi tal-ADR u tal-emendi għar-Regolamenti annessi mal-ADN, rispettivament, filwaqt li jaġixxu b'mod konġunt fl-interess tal-Unjoni.

Artikolu 3

Il-bidliet tekniċi minuri fil-pożizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 1 jistgħu jiġu miftiehma mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 4

Referenza għall-emendi aċċettati għall-Annessi tal-ADR u għar-Regolamenti annessi mal-ADN għandha tiġi ppubblikata f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li tiġi indikata d-data tad-dħul fis-seħħ tagħhom.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ..., ...

Għall-Kunsill

Il-President
